MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 620/1997/1

**Carmel Deguara, Manwel Deguara, Anna Portelli, Angela Cassar u Lucia Cortis**

**vs**

**David u Mary konjugi Mallia, u b'digriet tat-23 ta' Marzu, 1999 gew imsejha fil-kawza Anthony Cassar Desain, Anne Said Christine Delia, Michael Cassar Desain, Veronica Von Brockdorff, Carmelo Delia, Vivienne Cassar Desain, Bernard Von Brockdorff, Nathalie Savill, Rose Marie Sevitt, u Lawrence Cassar Desain Viani; b'digriet tas-16 ta' Marzu 2000 gie nominat Carmel sive Lino Delia biex jirrapprezenta lill-assenti Nathalie Savill, Rose Marie Sevitt u giet nominata Veronica Von Brockdorff biex tirrapprezenta l-assenti Lawrence Cassar Desain Viani; b'digriet tal-14 ta' Marzu 2001, l-atti gew trasfuzi f'isem Mark, Jason u Rachel ahwa Cassar Desain kif rapprezentati mill-prokuratrici ommhom Vivienne Cassar Desain stante l-mewt ta' Anthony Cassar Desain u b'digriet**

**tat-30 ta’ April, 2003 stante l-mewt ta’ Anne Said l-atti gew trasfuzi f’isem uliedha Francesca Salomone, Stephen Said u Andrew Said.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi ppremettew illi:

Premess illi missier l-atturi kellu mqabbla ghandu porzjon raba mill-artijiet denominati ta’ l-Imselliet sive Xifer il-Kief limiti ta’ l-Imgarr, liema raba’ wara li miet, spettat lilhom kemm bil-ligi u kif ukoll b’rikonoxximent mis-sidien ta’ l-art (ara Dok. PD2 u PD3);

Premess illi l-art imqabbla u mertu tal-kawza delineata bil-kulur iswed fuq il-pjanta annessa (Dok. PD1), tgawdi d-dritt ta’ passagg li wkoll jidher fil-pjanta msemmija u ghandu l-entratura tieghu minfejn hemm l-ittra ‘X’, u di fatti dan hu l-uniku access li hemm ghall-istess raba’;

Premess illi l-konvenuti llum huma proprjetarji tal-bicca raba’ adjacenti mill-istess artijiet minfejn jghaddi in parti dan il-passagg u minfejn hemm l-entratura tieghu kif fuq inghad;

Premess illi l-konvenuti qeghdin jippretendu li l-atturi fil-kawza m’ghad fadlilhom ebda dritt ghall-uzu ta’ dan il-passagg u anke qeghdin jikkontendu li jistghu jikkancellawh u/jew ihassruh u dan bid-detriment ovvju li ser isofru l-atturi fil-kawza;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tiddikjara li l-atturi ghandhom id-dritt li jkomplu jaghmlu uzu mill-passagg mill-moghdija li tinsab fil-proprjeta’ tal-konvenuti kif fuq inghad u spjegat; u

2. Tinibixxi lill-konvenuti milli b’xi mod kwalunkwe jhassru u jikkancellaw dan il-passagg jew b’xi mod iehor inaqqsu mill-uzu tieghu da parti ta’ l-atturi jew li jinkarigaw terzi u jippermettu lil terzi li b’xi mod kwalunkwe dak li qieghed lilhom jigi mitlub li ma jaghmlux fil-prezent.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mallia** a fol.30 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi.

2. Illi r-raba’ in kwistjoni originarjament kien imqabbel lin-nannu matern ta’ l-atturi. Wara li dan miet, ir-raba’ mess lill-omm l-atturi Marianna Deguara, kif rikonoxxut mill-istess atturi u kif dikjarat bil-gurament mill-istess Marianna Deguara quddiem din il-Qorti fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 607/97.

3. Illi Marianna Deguara kienet thallset tajjeb biex intrabtet mas-sid ta’ l-art taghha (u awtur ta’ l-eccipjenti) li tieqaf tuza l-passagg in kwistjoni u minflok tuza passagg iehor li gie format apposta ghall-uzu taghha wkoll.

4. Illi ghalhekk kull dritt ta’ passagg li seta’ kien hemm minn fuq il-passagg in kwistjoni llum m’ghadux jezisti.

5. Illi peress li l-eccipjenti xtraw l-art taghhom hielsa minn kull dritt ta’ passagg u anke in vista tal-ftehim imsemmi fit-tielet eccezzjoni, l-awturi taghhom ghandhom jigu kjamati fil-kawza minhabba li ghandhom interessi biex jiddefendu d-drittijiet ta’ l-eccipjent.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi b’degriet a fol 113 gew imsejha fil-kawza Anthony Cassar Desain, Anne Said, Christine Delia, Michael

Cassar Desain, Veronica Von Brockdorff, Carmelo Delia, Vivien Cassar Desain, Bernard Von Brockdorff, Nathalie Savill, Rose Marie Sevitt u Lawrence Cassar Desain Viani.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza** a fol. 134 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-atturi m'ghandhomx l-interess guridiku necessarju biex jaghmlu din il-kawza stante li l-ghalqa de quo hija mqabbla lil Marianna Deguara bhala armla u aventi causa ta' zewgha Antonio Deguara u mhux lilhom.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-access tal-ghalqa de quo ma kienx baqa' in parti minn fuq l-ghalqa tal-konvenuti wara li Marianna Deguara fid-19 ta' Ottubru 1995 kienet irrinunzjat ghall-istess passagg versu konsiderazzjoni u accettat passagg iehor izjed l-isfel minfuq raba' iehor tal-eccipjenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

B'verbal a fol 177 Lino Delia bhala kuratur ghal Nathalie Savill u Rosmary Savill u Veronica Von Brockdorff bhala kuraturici ta' Lawrence Cassar Desain Viani ghamlu referenza ghan-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza gja prezentata a fol 134 u ghamluha taghhom.

Rat id-degriet a fol 162 li bih gew legittimati l-atti, billi fil-mori tal-kawza miet Anthony Cassar Desain; u d-degriet a fol 183 li bih gew legittimati l-atti stante l-mewt ta' Anne Said;

Rat il-verbal a fol 242 li bih l-partijiet qablu li l-provi migbura fiz-zewg kawzi, cjoe dina u l-kawza 2326/97 ghandhom japplikaw ghall-xulxin;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-partijiet;
F'dina l-kawza l-atturi qed jitlobu li jigi dikjarat li huma ghandhom dritt li jkomplu jaghmlu uzu minn-passagg jew

moghdija f'raba iz-Zebbiegh li llum tinsab fil-proprejta' tal-konvenuti Mallia.

Il-konvenuti qed jeccepixxu li Marianna Deguara kienet irrinunzjat ghad-dritt ta' passagg u giet esibita skrittura f'dan is-sens.

**Kontestazzjoni**

L-atturi jikkontendu li huma ma kienu jafu b'xejn dwar l-iskrittura li ffirmat ommhom. Huma ssottomettew li dina l-iskrittura qed tigi kontestata fil-kawza l-ohra 2326/97 (deciza llum stess). Huma qed jippretendu li kellhom jkunu prezenti meta ommhom irrinunzjat ghall passagg billi l-qbiela kienet tal-missier u kellhom sehem mir-raba, ghalhekk ir-rinunzja ta' ommhom ma tistax titqies bhala valida.

Dwar il-fatt li jezisti passagg alternativ, l-atturi jsostnu li dana huwa nadegwat u inoltre ma hemmx access ghar-raba min-naha ta' fuq.

Il-konvenuti mhux qed jikkontestaw li xi darba l-atturi kienu jaghmlu uzu minn dana l-passagg izda ommhom kienet irrinunzjat ghalih u inghatat passagg alternattiv ghalhekk illum huma m'ghandhom ebda dritt li juzaw dana l-passagg.

**Konsiderazzjonijiet**

Mill-provi prodotti jirrizulta li Marianna Deguara kienet personalment id-detentur tal-qbiela billi t-titolu taghha kien gej "minn missierha u missier missierha" (ara xhieda a fol 243 u xhieda a fol 56 fil process 2326/97). Mill-affidavit taghha jirrizulta wkoll li hi kienet ikkompensat lil hutha wara l-mewt ta' missierha sabiex il-qbiela tigi fuqha biss. Mhux kontestat li l-atturi kienu jaghmlu uzu minn dana l-passagg tul iz-zmien qabel ma saret ir-rinunzja.

Il-fatt jibqa' pero' li gie pruvat mix-xhieda prodotta ( Lino Delia u Anthony Cassar Desain u mix-xhieda ta' Marianna Deguara) li dan id-dritt ta' passagg kien gie

rinunzjat minn Marianna Deguara u thallset kumpens tieghu fi flus u nghatat ukoll dritt ta' passagg iehor alternativ skond l-skrittura privata ffirmata minn Marianna Deguara. Illum l-atturi qed jikkontestaw li l-passagg alternattiv offrut bhala wiehed mhux idoneju.

Fis-sentenza l-ohra deciza llum, (Citaz 2326/97) gie deciz li l-iskrittura li giet iffirmata minn Marianna Deguara hija valida u l-kunsens taghha ma kienx gie karpit b'qerq ghalhekk dika r-rinunzja tghodd.

Dwar is-sottomissjoni l-ohra ta' l-atturi dwar ir-rinunzja fis-sens li huma kellhom ikun parti li jissottoskrivu l-iskrittura, billi l-qbiela kienet issejjah lill Marianna Deguara u missier l-atturi ma kienx l-inkwilin, l-atturi ma kellhomx dritt li jesigu li jkunu prezenti wkoll meta ssir ir-rinunzja. Infatti l-kawza l-ohra 2326/97 fejn intalab li tigi dikjarata nulla l-iskrittura, kif ukoll fil-mandat ta' inibizzjoni a fol 40 it-talba dejjem saret minn Marianna Deguara biss u mhux minn uliehda wkoll. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvenuti li atturi m'ghandhomx interess guridiku li jaghmlu dina l-kawza ghandha tigi milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi;
Prevja li tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;
Tichad it-talbiet ta' l-atturi;
Bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------